# FIL-QORTI CIVILI PRIM' AWLA

## Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)

**Illum 26 ta' Settembru 2024**

**Rikors numru 511/2023**

**Vincent Gatt (K.I. 218746M)**
**vs.**
**Paul Attard**

**Il-Qorti rat is-segwenti:**

## A. RIKORS

1. Rat ir-rikors ta' Vincent Gatt ippreżentat fit-18 ta' Mejju 2023, permezz ta' liema talab hekk:

   Jgħid għalhekk għaliex din il-qorti m'għandhiex:

   i) Tiddikjara lill-konvenut bħala li hu d-debitur tal-attur fis-somma ta' mitt elf u ħames Ewro €105,000 kwantu għal mitt elf €100,000 bħala *sorte* u kwantu għal ħamest elef €5000 bħala imgħax skadut ai termini tal-istess skrittura hawn annessa kalkolat għall-perjodu bejn l-1 ta' Lulju 2020 u t-30 ta' Ġunju 2021

   ii) Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' mitt elf u ħames Ewro €105,000 dovuti ai termini tal-imsemmija skrittura privata fuq riferita - kollox skond kif intqal fuq u għar-raġunijiet fuq premessi .

   Bl-imghax legali ulterjuri kalkolati mill-1 ta' Lulju 2021 sal-ġurnata tal-effettiv pagament u bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra legali tat-30 ta' Ġunju 2021 u tal-ispejjeż tal-mandat ta' sekwestru ippreżentat kontestwalment

mal-preżenti kontra l-konvenut li minn issa jibqa' inġunt għas-subizzjoni tiegħu.

2. Rat fis-seduta tal-25 ta' Ġunju 2024, ġie verbalizzat li Paul Attard ġie notifikat b'kopja tar-rikors u tal-verbal li fit-23 ta' Mejju 2024. Iżjed tard, l-intimat, reġa' ġie msejjaħ tliet darbiet, iżda baqa' ma deherx. Il-qorti rat li l-intimat ma ressaq ebda risposta ġuramentata fit-terminu statutorju, u għalhekk iddikjarat li Paul Attard baqa' kontumaċi. (fol 14).

3. Semgħet it-trattazzjonita' ta' Dr. Schembri, l-avukat difensur tar-rikorrent tal-15 ta' Lulju 2024.

4. Rat ix-xhieda kollha, id-dokumenti u l-atti proċesswali.

5. Rat li fil-verbal tal-15 ta' Lulju 2024, il-kawża tħalliet għas-sentenza.

## B. FATTI TAL-KAŻ

6. Il-fatti tal-każ huma is-segwenti (in suċċint) li r-rikorrent Vincent Gatt kien kreditur ta' Catherine Farrugia fis-somma mertu ta' dan il-każ. Permezz ta' skrittura privata tal-1 ta' Lulju 2016, eżebita bħala Dok A fol 4 *et sequitur*, ġie miftiehem mill-partijiet ikkonċernati li l-istess kreditu imsemmi fl-iskrittura jiġi assunt esklussivament mill-intimat Paul Attard, b'hekk Catherine Farrugia ġiet rilaxxata mill-obbligazzjonijiet tagħha permezz ta' din l-iskrittura. Fl-iskrittura imsemmija kien hemm stipulat ukoll, li id-debitu kellu jiġi saldat sat-30 ta' Ġunju 2021. L-intimat Paul Attard ħallas l-imgħax għall-ewwel sentejn iżda sussegwentement, ma ħallasx l-imgħax ta' sena li jagħlqu fit-30 ta' Ġunju 2021, u baqa' ma ħallasx l-ammont dovut. Għalhekk, intbagħtet ittra legali datata 30 ta' Gunju 2021 lill-intimat Paul Attard eżebita bħala Dok B fol 6 tal-proċess, fejn ġie interpellat iħallas l-ammont ta' mitt elf u ħames Ewro €105,000.

## C. IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

7. Ir-rikorrent qed jipproċedi f' dan il-każ, sabiex jitħallas tal-ammont pendenti li għad hemm dovut, kif indikat fl-iskrittura tal-1 ta' Lulju 2016, fol 4, iffirmata mill-partijiet, Vincent Gatt, Catherine Farrugia u Paul Attard.

8. Illi il-pern ta' din il-kawża hija l-iskrittura datata l-1 ta' Lulju 2016, fol 4, li permezz tagħha l-intimat Paul Attard assuma d-debitu imsemmi f'din l-iskrittura minflok Cathrine Farrugia, u b'hekk saret novazzjoni sabiex il-kreditu kontra l-imsemmija Catherine Farrugia ġie estint, u minflok inħalaq kontra l-intimat Paul Attard.

9. Illi l-intimat huwa kontumaċi, għalkemm debitament notifikat, kif verbalizzat fis-seduta tal-25 ta' Ġunju 2024. Il-kontumaċja fiha innifisha m' hijiex ammissjoni, iżda għandha tiġi interpretata bħala oppożizzjoni. Fil-fatt, fil-ġurisprudenza jingħad li kontumaċja kif dejjem ritenut minn dawn il-qrati, għandha tiġi interpretata bħala oppożizzjoni għalhekk il-qorti trid tidħol f'ċerta dettalji li tħoss li huma meħtieġa biex tistabbilixxi il-verità tal-fatti.[1]

## Ikkunsidrat

10. Fl-ewwel lok, din il-qorti ser tistħarreġ il-provi prodotti fl-atti ta' dan il-każ. Jibda biex jingħad, li l-iskrittura fol 4 tistipula s-segwenti:

> i Illi l-partijiet qegħdin kollha jaqblu li sal-ġurnata tal-lum il-kreditur huwa dovut is-somma ta' €100,000 liema ammont jinkludi wkoll interessi li jakkumulaw sad-data ta' l-iskrittura, mingħand id-defunt John Farrugia (683755M) u ċjoè ir-raġel tal-parti rilaxxata (vide d-dokumenti annessi u immarkati bhala VG1 u VG2).
> ii Illi permezz ta' novazzjoni skont kif inhu kontemplat fl-artikolu 1179b tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, il-partijiet qegħdin jaqblu illi d-debitur il-ġdid ser jissostitwixxi l-parti rilaxxata bħala d-debitur ta' l-ammont surriferit, hekk kif inhu dovut lill-kreditur, u li għalhekk il-kreditur ser b'dan il-mod jirrilaxxa l-parti rilaxxata.
> iii Illi l-kreditur qed jaċċetta li jircievi l-ammont ta' €100,000 liema ammont qed issir referenza għalih bħala 'id-dejn', mingħand id-debitur il-ġdid għas-saldu ta' kull pretensjoni li dan seta' jkollu kontra John Farrugia u s-suċċessuri tiegħu.
>
> Għaldaqstant il-partijiet qegħdin jaqblu illi:
>
> 1. Permezz tal-preżenti ftehim id-debitur il-ġdid qed jikkostitwixxi ruħu il-veru, ċert u leġittimu debitur tal-kreditur għad-dejn imsemmi, liema kreditur qieghed ukoll jaċċetta l-istess.
> 2. Id-dejn għandu jiġi mħallas mid-debitur il-ġdid entro it-30 ta' Ġunju 2021.

[1] Ara **Ruth Apap vs Noel Apap** deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 1995; **Emanuel Spiteri et vs Benedetta Meilak noe** deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fil-15 ta' Jannar 2014; **Raymond Gauci pro et noe vs Christopher Galea** deċiża mill-Prim' Awla fis- 26 ta' April 2001.

11. Fis-sentenza fl-ismijiet **Gloria mart Jonathan Beacon vs AIC Anthony Spiteri Staines** deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-5 ta' Ottubru 1998, ingħad:

> Il-principju kardinali li jirregola l-istitut tal-kuntratt jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kuntrattwali għandu jiġi rispettat u li il-volonta tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tiġi osservata. *Pacta sunt servanda*.

12. Isegwi li jekk il-partijiet iffirmaw kuntratt b'diversi kundizzjonijiet u obbligi li l-partijiet huma obbligati li jsegwuhom. Dan għaliex l-iskrittura iffirmata bejn il-partijiet hija liġi għal partijiet.

13. **L-artikolu 992(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta** jipprovdi:

> Il-kuntratti magħmula skond il-liġi għandhom saħħa tal-liġi għal dawk li jkunu ghamluhom.

14. **L-artikolu 993 tal-Kapitolu 16** jiddisponi:

> Il-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha bl-ekwità, bl-użu jew bil-liġi.

15. Illi indubbjament hawnhekk si tratta, ta' kuntratt iffirmat bejn il-partijiet. Għalhekk, dak iffirmat bejn il-partijiet għandu jiġi rispettat. [2]

16. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, u fid-dawl tal-provi fl-atti, fejn Vincent Gatt xehed fil-25 ta' Gunju 2024, u kkonferma li baqa' ma tħallas xejn minn Paul Attard minn dak dovut fil-mori tal-każ, din il-qorti ssib li l-azzjoni u t-talbiet tar-rikorrent huma ġustifikati.

17. In vista tas-suespost, tilqa' it-talbiet tar-rikorrent.

---

[2] Ghalhekk, isegwi li jekk il-partijiet jiffirmaw kuntratt b'diversi kundizzjonijiet u obbligi, il-partijiet huma obbligati li jsegwuhom u dan għaliex il-prinċipju *contra testimonium scriptum*, *testimonium non scriptum non ferritur* jibqa' fis-sehh sakemm il-qorti ma tkunx persważa li hemm żball fil-kuntratt jew li tħalla barra xi fatt għal xi raġuni speċjali. F'dawn il-każijiet il-prinċipji bbażati fuq il-ġustizzja u l-ekwità għandhom ikunu supremi. (Ara Appell 15 ta' Diċembru 1947 **Mercieca vs Pace** Vol. XXIII.I.pag.603).

Kif ingħad fis-sentenza **Emmanuel Avallone vs Centru Speranza fl-Inkapaċitati** deċiż mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-28 ta' Frar 2002, il-prinċipju 'contra scriptum non est argumentum', jibqa' japplika sakemm ma tinġiebx prova li tali struttura hija nieqsa minn xi element kostituttiv tagħha.

# Deċide

**Għaldaqstant, in vista tas-suespost, il-Qorti qegħda:**

**Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-intimat  Paul Attard huwa debitur tal-attur fis-somma ta' mija u ħamest elef Ewro (€105,000) kwantu għal mitt elf Ewro (€100,000) bħala sorte u kwantu għal ħamest elef Ewro (€5000) bħala imgħax skadut ai termini tal-istess skrittura hawn annessa kalkolat għall-perjodu bejn l-1 ta' Lulju 2020 sat-30 ta' Ġunju 2021 bir-rata ta’ ħamsa fil-mija (5%) fis-sena;**

**Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lill-intimat Paul Attard sabiex iħallas lill-attur is-somma ta' mija u ħamest elef euro (€105,000) dovuti ai termini tal-imsemmija skrittura privata fuq referita;**

**Bl-imgħax legali u spejjeż a karigu tal-intimat skont kif mitluba mir-rikorrent.**

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**

**Christianne Borg**
**Deputat Reġistratur**